# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 19 ta' April, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors Nru: 882/2023 ISB**

**Essam Bassiouny**

**vs**

**Awtorità dwar it-Trasport f'Malta u**

**Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti u Baħrin**

**SENTENZA PARZJALI MOGĦTIJA LLUM SABIEX TKUN DEĊIŻA L-EWWEL ECCEZZJONI MRESSQA MILL-INTIMATI FIR-RISPOSTA ĠURAMENTATA TAGĦHOM TAT-12 TA' SETTEMBRU 2023 RIGWARDANTI N-NULLITÀ TAL-AZZJONI RIKORRENTI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf promotur imressaq mir-rikorrenti fl-10 ta' Awwissu 2023 u li permezz tiegħu huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

1) *Tiddikjara illi il-konvenuti m'għandhom l-ebda jedd ikomplu jirrifjutaw li jirrilaxxjaw il-bastiment proprjeta' ta' l-attur tat-tip pleasure yacht ta' tul ta' inqas minn għoxrin metru bl-isem ta' "BIM" bin-numru uffiċjali 16925.*

2) *Konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex jippermettu lill-attur jagħmel użu mill-istess bastiment.*

U dan wara illi ppremetta:

*1. Illi l-attur huwa proprjetarju tal-vapur tat-tip pleasure yacht ta' tul ta' inqas minn għoxrin metru bl-isem ta' "BIM" bin-numru uffiċjali 16925 u dan kif jirriżulta mill-anness ftehim immarkat Dok A.*

*2. Illi l-attur kien applika għal reġistrazzjoni tal-bastiment liema reġistrazzjoni kienet inizzjalment inħarġet bħala waħda provviżorja u sussegwentement ġiet ikkonfermata bħala reġistrazzjoni permanenti fit-3 ta' Jannar 2017.*

*3. Illi l-attur qiegħed regolarment jirċievi talbiet għall-ħlas tal-liċenzja tal-bastiment in kwistjoni u dan kif jirriżulta mill-annessa ittra datata 11 ta' April 2023 (Dok B).*

*4. Illi dan nonostante il-konvenuti mhux qed jippermettu lill-attur iniżżel dan il-bastiment fil-baħar biex juża l-istess bil-konsegwenza illi qed issirlu ħsara kbira.*

*5. Illi l-attur kien intavola protest ġudizzjarju kopja ta' liema qed tiġi hawn anessa bħala Dok C.*

*6. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

Rat id-dokumenti hemm esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Awwissu 2023 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għall-25 ta' Settembru 2023 u fejn kienet ordnata n-notifika lill-intimati.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-intimati tat-12 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha huma eċċepew:

*1. Preliminarjament in-nullita' tal-azzjoni attrici a tenur tal-artiklu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-istess azzjoni ma gietx preceduta bil-prezentata ta' ittra ufficjali jew protest gudizzjarju "li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar" kif mehtieg ad validitatem skond l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi. Di fatti fil-Protest Ġudizzjarju tas-6 t'Awissu, 2023, għalkemm il-protestanti li ppreżentaw l-imsemmi Protest Ġudizzjarju, u cioe' r-rikorrent odjern Essam Bassiouny u ċertu Jason Pace poġġew lir-rispondenti odjerni in dolo, culpa et mora u rrizervaw kwalunkwe azzjoni oħra li jidhrilhom li hija lilhom spettanti, huma ma ressqu ebda talba specifika u altru li tali Protest Ġudizzjarju jippekka mir-rekwiżit illi jikkontjeni "talba mfissra b'mod ċar". Oltre dan, anke kieku wieħed, unikament għall-grazzja tal-argument, kellu jipprova jinterpreta li hemm xi "talba" kontenuta fil-parti tal-premessi tal-Protest Ġudizzjarju, din tkun riferibbli għall-protestant l-ieħor Jason Pace (li mhuwiex parti fil-kawża odjerna) u mhux lir-rikorrent Essam Bassiouny. Konsegwentement huwa bil-wisq ċar u manifest illi l-vot tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 ma ġiex sodisfatt u konsegwentement l-azzjoni attriċi hija nulla u bla ebda effett.*

*2. Sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi r-rispondenti odjerni aġixxew korrettement u skond id-doveri tagħhom bħala entta' regolatorja meta wieħed jikkonsidra l-fatti pertinenti tal-każ odjen. Dawn il-fatti u konsiderazzjonijiet pertinenti huma s-segwenti -*

- *Illi fit-3 ta' Gunju, 2016 saret registrazzjoni provizorja tal-bastiment bl-isem propost 'BIM' u bil-hull number GBFLN20886E404 f'isem ir-rikorrent Essam Bassiouny (ID No: 0061793M) wara li huwa kien ipprovda d-dokumenti kollha mehtiega skond il-ligi u cioe':*

  *(i) Dikjarazzjoni li huwa cittadin Malti; li d-dettalji tal-bastiment minnu pprovduti huma korretti; s-sid tal-bastiment, li l-imsemmi bastiment inbena fir-Renju Unit fis-sena 2004; li huwa intitolat li jkun is-sid tal-imsemmi*

*bastiment; u li m'hemm l-ebda djun registrati fuq l-imsemmi bastiment; u*

*(ii) Ċertifikat ta' survey iffirmat minn Anthony Dalli dejjem relattiv ghal dan il-bastiment bil-hull number GBFLN20886E404;*

- *Illi sussegwentement ir-registrazzjoni proviżorja nqalbet f'waħda permanenti fit-3 ta' Jannar, 2017;*

- *Illi wara li saret tali reġistrazzjoni l-esponenti ġew mgharrfa illi d-dghajsa in kwistjoni kienet inbieghet fi Sqallija u li kien hemm mortgage reġistrat fuqha fir-Renju Unit, u sussegwentement kien ġie stabbilit illi fir-realta' l-hull number ta' dan il-bastiment ma kienx GBFLN20886E404 li taħtu dan kien ġie registrat izda GBFLN10516E404. Jirrizulta illi l-bastiment bil-hull number GBFLN10516E404 kien registrat fir-Renju Unit f'isem Beppe Hili u li dan kien ġie mibjugh lill-kumpanija bl-isem Panarea Limited u fizikament mehud Sqallija (minn fejn izjed tard kien gie rappurtat misruq) u kienet ġiet registrata mortgage fir-reġistru tar-Renju Unit ghall-hlas ta' bilanċ ta' €72,000;*

- *Illi sussegwentement kien gie pprovdut b'Certifikat ta' Survey bil-hull number korrett (u cioe' GBFLN10516E404) iffirmat minn Elio Desira.*

*3. Illi għaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-fatti u konsiderazzjonijiet saljenti u pertinenti m'għandu jkun hemm ebda dubju illi l-esponenti aġixxew korrettement u li dak mitlub mir-rikorrent ma kellux u m'għandux jiġi akkolt. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Settembru 2023 minn fejn jirriżulta illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għall-provi u trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati bil-għan illi tingħata sentenza parzjali dwar l-istess, kif in effetti qed isir illum.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2024, ir-rikorrent ppreżenta kopja informali ta' protest ġudizzjajru li kien ġie ppreżentat fis-6 ta' Awwissu

2021 u kien esebit ukoll kopja formali tal-kontro-protest għall-istess msemmi protest ġudizzjarju.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

## Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza parzjali li permezz tagħha qed tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati, li tgħid espressament hekk:

> *Preliminarjament in-nullita' tal-azzjoni attrici a tenur tal-artiklu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-istess azzjoni ma gietx preceduta bil-prezentata ta' ittra ufficjali jew protest gudizzjarju "li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar" kif mehtieg ad validitatem skond l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi. Di fatti fil-Protest Ġudizzjarju tas-6 t'Awissu, 2023, għalkemm il-protestanti li ppreżentaw l-imsemmi Protest Ġudizzjarju, u cioe' r-rikorrent odjern Essam Bassiouny u ċertu Jason Pace poġġew lir-rispondenti odjerni in dolo, culpa et mora u rrizervaw kwalunkwe azzjoni oħra li jidhrilhom li hija lilhom spettanti, huma ma ressqu ebda talba specifika u altru li tali Protest Ġudizzjarju jippekka mir-rekwiżit illi jikkontjeni "talba mfissra b'mod ċar". Oltre dan, anke kieku wieħed, unikament għall-grazzja tal-argument, kellu jipprova jinterpreta li hemm xi "talba" kontenuta fil-parti tal-premessi tal-Protest Ġudizzjarju, din tkun riferibbli għall-protestant l-ieħor Jason Pace (li mhuwiex parti fil-kawża odjerna) u mhux lir-rikorrent Essam Bassiouny. Konsegwentement huwa bil-wisq ċar u manifest illi l-vot tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 ma ġiex sodisfatt u konsegwentement l-azzjoni attriċi hija nulla u bla ebda effett.*

Bħala provi fir-rigward, ir-rikorrent esebixxa kopja informi ta' protest ġudizzjarju tas-6 ta' Awwissu 2021 fl-ismijiet "*Jason Pace u Essam Bassiouny vs Transport Malta, Peter Buhagiar u Registrar of Ships*" u kif ukoll kopja legali ta' kontro-protest għall-imsemmi protest, datat 9 ta' Settembru 2021 u ppreżentat mill-hemmhekk protestati.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, id-difensur tal-intimati jgħid illi jrid ikun hemm qbil bejn il-kawża petendi u r-rimedju mitlub fil-protest ġudizzjarju jew l-ittra uffiċjali u dak premess u mitlub fil-kawża li ssegwi. Jgħid illi fil-każ in

eżami, l-att ġudizzjarju illi ppreċeda l-kawża u l-kawża mhumiex fuq l-istess binarji, l-indoli tal-kawża u dawk tal-protest mhumiex l-istess.

Id-difensur tar-rikorrenti jirribatti għal dan u jsostni illi ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur illi jara illi joqgħod jitqabbel id-diċitura fl-ittra uffiċjali jew protest ma' dik tal-kawża, kelma b'kelma. Jgħid illi l-importanti huwa illi l-awtorità tkun taf id-disputa fuq xiex inhi u minn dak esebit jikkontendi illi l-awtorità dan setgħet tasal għalih.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Artikolu 460(1) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid espressament hekk:

> *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

Il-Qorti tibda' biex tgħid illi ħadet nota ta' dak sottomess mill-abbli difensur tar-rikorrenti fir-rigward tal-kawża **Mark Formosa v. Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et**, u tqis illi sejra tasal għall-konkluzjonijiet tagħha anke billi żżomm f'moħħha dak li qalet kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri hawn fuq msemmija.

Sabiex ikun ċar għall-partijiet x'qed iżżomm f'moħħha din il-Qorti fid-deċiżjoni hawnhekk mogħtija, il-Qorti qed tirriproduċi is-segwenti branijiet mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (Rik Nru 8/2019 - 20.07.2020):

> *21. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatt wahdu illi persuna li trid tiftah kawza kontra l-Gvern trid l-ewwel nett tipprezenta ittra ufficjali jew protest gudizzjarju u taghti ghaxart ijiem zmien lil Gvern mill-prezentata tal-ittra qabel ma tintavola proceduri gudizzjarji m'huwiex leziv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ir-regola hija cara u accessibbli, u ma tressqet l-ebda prova li twassal lil*

*din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-prezentata ta' ittra ufficjali/protest gudizzjarju u t-terminu ta' ghaxart ijiem imposti mill-ligi huma sporporzjonalment oneruzi fil-konfront tac-cittadin, jew joholoqu riskju ta' xi pregudizzju sporporzjonat jew irrimedjabbli fil-konfront tieghu. Illi filfatt, l-Artikolu 460 stess jezenta numru ta' proceduri kontra l-Gvern minn dan ir-rekwizit, inkluz proceduri relattivi ghal ilmenti dwar lezjoni ta' drittijiet fundamentali u wkoll f'kazijiet ta' urgenza. Fil-fehma tal-Qorti dan juri illi meta l-legislatur fassal din ir-regola ittenta illi johloq bilanc bejn l-interess privat tac-cittadin illi jkollu ilment kontra xi mgieba ta' entita governattiva, u l-interess u l-ordni pubbliku.*

*22. Illi madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti il-legislatur naqas milli jikseb il-bilanc rikjest fejn si tratta tal-konsegwenzi ghan-nuqqas ta' aderenza mar-rekwiziti imposti f'dan l-artikolu. Ghalkemm huwa minnu illi l-formalitajiet imposti f'dan l-artikolu m'humiex partikolarment oneruzi, u lanqas ma huma l-unici kazijiet fejn il-ligi timponi dawn it-tip ta' formalitajiet qabel l-intavolar ta' kawza, il-konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-individwu illi josservahom, u cioe` l-nullita` tal-att, hija devastanti ghaliex, specjalment f'kazijiet ta' stharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A, tista' twassal ghat-telfien permanenti tad-dritt ghal stharrig fil-mertu tal-ilment tac-cittadin. Il-Qorti taccetta illi l-ghan li ghalih huwa mahsub dan l-artikolu huwa wiehed necessarju u fl-interess pubbliku, pero` ssibha difficli tifhem kif sanzjoni tant severa u odjuza hija wkoll necessarja u fl-interess pubbliku, u filfatt l-ebda gustfikazzjoni ghaliha ma tressqet mill-appellanti.*

*24. Illi ghalkemm l-ghan illi l-Gvern jigi notifikat bl-allegati nuqqasijiet tieghu sabiex jinghata l-opportunita` li jirrimedjahom huwa wiehed legittimu u permissibli, is-sanzjoni ta' nullita` imposta f'dan l-artikolu anke ghall-icken nuqqas fl-osservanza tar-regoli imposti, partikolament meta moqrija fid-dawl tal-gurisprudenza tal-qrati li mhux biss hija inkonsistenti izda aghar minn hekk li frekwentement ixxaqleb lejn formalizmu eccessiv, twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni illi din is-sanzjoni tmur oltre mill-ghan illi dan l-artikolu huwa intiz li jservi u tiehu aktar is-sura ta' ostakolu ghall-otteniment ta' rimedju da parti tac-cittadin ghall-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-Istat. Il-konsegwenza ta' nullita` prevista mill-ligi, mehuda flimkien mal-formalizmu esagerat li bosta drabi jigi adoperat mill-qrati, iwassal ghar-riskju mhux biss ta' multiplicita tal-kawzi, li suppost qed jigu evitati permezz ta' dan l-artikolu, izda wkoll it-telfien permanenti ta' jedd sostantiv da*

*parti tac-cittadin li kif jirrizulta mill-gurisprudenza citata aktar il-fuq huwa impermissibli ghaliex limitazzjonijiet ghad-dritt ta' access ghall-qorti ma jistghux ifixxklu l-essenza innifsha ta' dan id-dritt. Dan multo magis f'kawzi ta' stharrig gudizzjarju fejn l-Artikolu 460 jista' jkollu konsegwenzi devastanti fuq ic-cittadin billi, in vista tat-terminu ta' dekadenza qasir ta' sitt xhur, iwassal ghal konsegwenza li l-kwistjoni filmertu ma tigi mistharrga qatt.*

*25. Illi in vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi hemm sproporzjon bejn il-konsegwenza tan-nuqqas ta' adezjoni mar-rekwiziti tal-Artikolu 460, u cioe` n-nullita` tal-att, u l-ghan legittimu illi dan l-artikolu huwa mahsub sabiex iservi. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-Artikolu 460 jista' jwassal ghal lezjoni tad-dritt tal-appellat ghall-access ghal qorti ghandha tigi kkonfermata, ghalkemm dan limitatament ghar-ragunijiet spejgati f'din is-sentenza.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi una volta illi hemm dikjarazzjoni ċara, espressa u inekwivoka tal-Qorti Kostituzzjonali, fis-sens illi hemm sproporzjon bejn il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' adezjoni mar-rekwiziti tal-Artikolu 460, (allura n-nullità tal-att - kif anke hawnhekk mitlub), u l-għan leġittimu illi dan l-artikolu huwa maħsub illi jservi, tant illi dik il-Qorti waslet biex qalet illi l-Artikolu 460 jista' għalhekk iwassal għal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali bi ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti tiddikjara mill-ewwel illi hija qatt ma tista' tasal biex tilqa' l-eċċezzjoni mressqa peress illi altrimenti tkun qegħda tikser hi jew tagħti lok ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent bl-applikazzjoni ta' liġi illi ġiet hekk dikjarata kif fuq spjegat u li allura *ai termini* tal-Kostituzzjoni ma għandha ebda effett. Ħaġa illi din il-Qorti tfittex dejjem illi tevita *ad ogni costo*.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti sejra tgħaddi minnufih biex tiċħadha, partikolarment peress illi jirriżulta illi in effetti ittra uffiċjali ntbagħtet u jekk wieħed jagħsar il-kontenut tagħha, ma jistax ma jasalx għal konkluzjoni illi mill-ittra uffiċjali mibgħuta, minkejja kull interpretazzjoni li wieħed jista' jagħti u minkejja kull nuqqas tagħha, l-Awtorità konvenuta kienet ben konxja mil-lanjanzi u l-pretensjonijiet tar-rikorrent.

Dan qed jingħad ukoll fid-dawl ta' dak espress fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża **Godfrey Ciangura vs Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari** deċiża fit-8 ta' April 2024 (155/2012JRM).

L-abbli difensur tal-intimati fit-trattazzjoni tiegħu jgħid "*sakemm l-artikolu 460 ghadhu hemm inridu nosservawh*". Din il-Qorti ma taqbilx. Din il-Qorti tqis illi sakemm hemm dikjarazzjoni ċara mill-Qorti Kostituzzjonali, b'sentenza definittiva, illi tgħid illi l-Artikolu 460 tal-Kap 12, mhux fih innifsu, imma fis-sanzjoni illi jipprovdi, għax hija sproporzjonata, huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, allura din il-Qorti mhix ser tkun hi illi potenzjalment tapplika tali sanzjoni kif provdut bl-Artikolu 460 tal-Kap 12, biex potenzjalment, jekk issib illi fil-mertu l-intimati għandhom missewwa, tkun hi li bis-sanzjoni, jekk applikata, twassal għal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, f'dan il-każ, tar-rikorrent.

Il-Qorti hija konxja mid-dibattitu illi okkażjonalment iqum dwar dan. L-awtur awtorevoli Dr Tonio Borg, fil-ktieb tiegħu '**A Commentary on the Constitution of Malta'** (2016 pg 36-37) igħid hekk:

> *A third issue relating to article 6 is the effect of a declaration that a law is void owing to its inconsistency with the Constitution. The issue has been raised again owing to recent conflicting judgments regarding a law imposing mandatory arbitration in minor civil cases. In the space of three years the same law was declared constitutionally valid, invalid and valid again, although in the one case where the law was declared invalid, one of the parties was a State corporation, and the Executive was involved in the choice of the Chairman of the Arbitration Centre who in turn chose the panel of arbiters.*
> *The point is the following: once a law is declared to be unconstitutional is it only void vis-a-vis the parties to the constitutional suit, or is it void erga omnes?*
>
> *It is certainly strange that a law may be constitutionally valid regarding a set of parties, but unconstitutional vis-a-vis others. Article 6 is categorical in its wording: to the extent of its inconsistency with the Constitution, any law, whether it applies to Tom, Dick or Harry, is void. Indeed an eminent jurist has stated that the moment the Constitutional Court, or for that matter the European Court of Human Rights in Strasbourg whose jurisdiction on human rights matters has been accepted by Malta, decides that there has been such inconsistency, that law loses its binding force: indeed it is no longer a law. The prevailing view, however, remains that a court judgment is not enough and an unconstitutional law has to be removed from the statute book only through legislative intervention. It has also been argued that while laws successfully challenged for*

> *unconstitutionality under article 116, that is to say, on grounds other than human rights, are void erga omnes, those contested under the human rights provisions, where applicant requires to show juridical personal and direct interest, bind only the parties involved in the case.*

L-awtur ikompli hekk:

> *The litmus test, according to court, to decide whether a judgment invalidating a law as unconstitutional is erga omnes or inter partes, is whether juridical interest is needed to commence the action for invalidity. This argument is to say the least dubious.*
>
> *The requirement of juridical interest in human rights actions was established to limit the number of cases challenging laws to a bare minimum so that only the victim of a law which infringes human rights may challenge it. To extend the application of this principle to support an argument which flies in the face of the supremacy clause of the Constitution is particularly disturbing.*

Din il-Qorti temmen firmament illi ġja la darba, l-ogħla Qorti f'pajjiżna tkun ippronunzjat ruħha dwar provvediment tal-liġi f'kawża fejn dak il-provvediment tal-liġi jkun qed jiġi mpunjat, ebda Qorti ma' għandha tiskarta dak li tkun qalet il-Qorti Kostituzzjonali sempliċiment għaliex il-liġi mpunjata tkun għadha tinsab fil-kotba tal-liġi tagħna u/jew sempliċiment peress illi l-partijiet f'kawża jkunu differenti. Jekk isir dan, il-Qorti tqis illi jkun hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta, li jgħid espressament illi l-Kostituzzjoni *ghandha tipprevali u l-ligi l-ohra ghandha, safejn inkonsistenti, tkun bla effett*.

Ulterjorment, il-Qorti tqis illi kieku ma jkunx hekk, kieku l-Qorti tkun qed tistieden hi stess proliferazzjoni ta' kawżi minn kull persuna li jħossu aggravat mis-sanzjoni sproporzjonata li l-Artiklu 460 tal-KAP 12 jipprovdi u li l-Qorti jkollha timponi. Dan ċertament illi mhux idoneju illi jsir u għandu, dejjem safejn possibbli, ikun evitat multipliċità ta' kawżi, dejjem fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Fuq kollox hawnhekk qed nitkellmu fuq drittijiet fondamentali tal-bniedem, bnedmin mingħajr distinzjoni u jekk hemm xi ħaġa li Qorti m'għandiex tagmel huwa appuntu distinzjoni bejn il-bnedmin.

Din il-Qorti għalhekk tħoss illi għandha tagħti effett sħiħ lill-Artiklu 6 tal-Kostituzzjoni tagħna – u ġja la darba l-artikolu 460 tal-Kap 12, fis-sanzjoni minnu pprovdut, huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, allura

l-Qorti tqis l-istess Artikolu 460 kif inhu llum, kif għadu llum, bħala *bla effett* għal kull bniedem.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hux ġust fuq il-Qrati, illi liġijiet dikjarati mill-ogħla Qorti tagħna, bħala li jiksru d-drittijiet fondamentali ta' xi parti jekk ikunu applikati – jibqgħu hemm u jkun hemm l-aspettazzjoni illi ġja la darba l-liġi għadha hemm – allura trid tiġi applikata, minkejja illi tilledi d-drittijiet fondamentali taċ-ċittadin.

Din il-Qorti jidhrilha illi għandha tieħu din il-pożizzjoni biex ikunu skansati inġustizzji, biex din il-Qorti ma twassalx, bid-deċiżjoni tagħha stess, biex tikser id-drittijiet fondamentali ta' xi ħadd.

Li jwassal lil din il-Qorti sabiex tgħid illi din is-sitwazzjoni illi l-Qorti u fuq kollox anke l-partijiet, sabu ruħhom fiha, ġejja biss mill-fatt illi l-leġislatur idum biex jirrimedja u jirrispondi għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali. Fil-każ in eżami, daqt jgħaddu erba' snin mid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, u sa issa, il-liġi illi ġiet dikjarata sproporzjonata fir-rimedju li tagħti u b'hekk tilledi d-drittijiet tal-individwu bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għadha hemmhekk.

Il-Qorti jidhrilha illi l-bilanċ illi jrid dejjem jintlaħaq u jkun effettiv fis-sistema demokratika tagħna bejn it-tlett (jew illum l-erba') pilasti tas-soċjetà demokratika għandu jkun effettiv u mhux teoretiku, għandu jkun ħaj u mhux fuq il-karta, dejjem fl-interess tas-soċjetà demokratika li ngħixu fiha. U biex dan isir – huwa neċessarju illi l-pilastri jirrispondu malajr għal xulxin. Mhux lanqas il-leġislatur. Din il-Qorti tqis importanti illi meta l-Qorti Kostituzzjonali tesprimi ruħha b'dan il-mod dwar liġi, allura l-leġislatur għandu jirrispondi mingħajr dewmien.

Il-Qorti tfakkar illi l-liġi tagħna digà tipprovdi għal dan. Fil-fatt l-Artikolu 242 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid espressament hekk:

> *(1) Meta qorti, permezz ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, tiddikjara li xi strument li jkollu l-forza ta' liġi f'Malta jew xi dispożizzjoni tiegħu tmur kontra xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew xi dritt tal-bniedem jew libertà fondamentali elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, jew li tkun ultra vires, ir-reġistratur għandu jibgħat kopja tal-imsemmija sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati li għandu meta l-Kamra tiltaqa' għall-ewwel darba wara li jkun*

*irċeva dik is-sentenza jgħarraf lill-Kamra b'dak li jkun irċieva u jqiegħed kopja tas-sentenza fuq il-Mejda tal-Kamra.Kap. 319.*

*(2) Meta jkun hemm sentenza bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1), il-Prim Ministru jista', matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data meta s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat u sakemm ikun meħtieġ fil-fehma tiegħu jneħħi kull inkonsistenza mal-Kostituzzjoni ta' Malta jew mad-dritt jew libertà fundamentali tal-individwu rilevanti stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont ma jkun ġie dikjarat f'dik is-sentenza, jagħmel regolamenti li jkunu jħassru l-istrument jew id-dispożizzjoni rilevanti li tkun ġiet dikjarata bħala li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea kif imsemmi fis-subartikolu (1).*

Il-Qorti tikkwota lil Dr Tonio Borg, l-awtur ġja hawn fuq riferit, meta jiddeskrivi dan il-provvediment tal-liġi bħala wieħed "*to facilitate legislative intervention to abrogate unconstitutional laws*".

Għal din il-Qorti mhux magħruf jekk is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Lulju 2020 kinitx in effetti notifikata kif stipulat fil-liġi, imma għandha għaliex tippresumi illi kienet. B'dana kollu huwa għalhekk illi l-Qorti ser tordna illi kopja ta' din id-deċiżjoni tintbagħat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, lill-Prim Ministru ta' Malta u lill-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja għall-aħjar attenzjoni tagħhom.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula qed tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tordna għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jibgħat kopja formali ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, lill-Prim Ministru ta' Malta u lill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja.

Spejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |